QALA

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Qala

# IS-SEBA`LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 39

Il-Gimgha 16 ta' Novembru 2018

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa` fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu li jinsab fl-indirizz Centru Civiku Qala, Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg, Qala, fis-5:00 ta' filghaxija.

PREŻENTI:

Paul Buttigieg – Sindku
Jesmond Borg – Vici Sindku
Paul Buttigieg - Kunsillier
Karl Buttigieg – Kunsillier
Sammy Curmi – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Hadd

ASSENTI

Hadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marcia Borg– Segretarja Eżekuttiv

Kunsill Lokali – Qala – Local Council
Centru Civiku Qala
Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg, Qala
Tel: 21552555   Fax: 21553232
Email: qala.lc@gov.mt

Minuti

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresjeda l-laqgħa.

## 39.1 Qari tal-ittri tal-apologiji.

39.1.1 Ma kien hemm ebda ittri tal-apologiji.

## 39.2 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti.

39.2.1 Peress li l-minuti tas-sitta u tletin laqgha, tas-sebgha u tletin laqgha u tat-tmienja u tletin laqgha tqassmu qabel dawn gew ikkonsiderati bhala moqrija u gew approvati unanimament.

## 39.3 Komunikazzjoni mis-Sindku.

39.3.1 Is-Sindku semma li kien ser jibbukkja lil *Cash and Band* ghal edizzjoni li jmiss ta' *Qala International Folk Festival*, izda dawn ma jistghux dakinhar ghalhekk huwa bbukkja lil *D Capitals Band* minflok. Il-Kunsill qabel ma dan.

39.3.2 Is-Sindku semma li nhar il-21 ta' Novembru 2018 ser isir harga ghan-nisa u l-anzjani fil-Lantern Restaurant.

39.3.3 Is-Sindku semma li l-*bins* tas-*Sort it Out* suppost li ser jitqassmu mill-lokalita` tal-Qala fl-20 ta' Novembru 2018.

39.3.4 Is-Sindku semma li giet mibghuta ittra mill-Kunsill lill-Qala Saints Football Club u lil Perit Edward Scerri sabiex il-panelli voltaici li jinsabu fi 'Gnien il-Hajja', jitqabbdu kemm jista` jkun malajr. Huwa semma li malli lahaq Sindku l-ewwel priorita` tieghu kien li jinxtelghu dawn il-panelli. Il-Kunsillier Paul Buttigieg ssuggerixxa li ghandha tintbghatilhom ittra ohra.

39.3.5 Is-Sindku talab sabiex il-kont li huwa rcieva ghal servizz professjonali ta' Avukat Dr Peter Paul Zammit li huwa qabbad ghal Kawza tal-Pulizija dwar l-incident li sehh fit-18 ta' Lulju 2017 ghandu jithallas mill-Kunsill. Is-Segretarja Ezekuttiva semmiet li l-Avukati f'isem il-Kunsill Lokali ghal din il-Kawza kienu l-Avukat Dr Joe Giglio flimkien mal-Avukata Dr Renata Formosa. Is-Sindku semma sabiex jintalab parir dwar jekk dan il-kont jistax jithallas mill-Kunsill.

39.3.6 Is-Sindku semma li ghandha tinhareg il-gazzetta Lehen il-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma dan.

39.3.7 Sar it-tahrig lill-haddiema li ser ikunu juzaw il-makkinarju ta' *mechanical grass cutter* u mohriet. Dan it-tahrig sar mis-Sur Joseph Bezzina. Is-Sindku semma wkoll li saru l-manutenzjonijiet fuq il-*grass cutter* u l-mohriet u li t-tnejn gew spezzjonati minn Inginier Joseph Portelli qabel ma bdew jintuzaw. Gew trattati zewg rapporti ta' l-Inginier Joseph Portelli.

39.3.8 Zewg ittri mill-President Noel Mizzi mill-Qala Saints Football Club. F'ittra minnhom fejn il-Kunsill gie mitlub sabiex joffri s-servizzi professjonali tal-Perit Edward Scerri sabiex jitkompla il-progett tal-*ground* tal-futbal li qed isir minn dan il-Club u l-ittra l-ohra sabiex il-Kunsill joffri s-servizzi ta' *electrician* u *plumber* ta' Joseph Cutajar ghal dan l-istess progett. Il-Kunsill iddiskuta li l-Club ghandhom jibghatu lill-Kunsill stima tax-xoghol li ser isir kif ukoll meta ser isir dan ix-xoghol, izda gie diskuss li b'hekk il-Kunsill ma jkunx qed jimxi mar-regolamenti

finanzjarji tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill iddiskuta li l-*Club* jrid jara kif ser johrog l-offerti ghax-xogholijiet li hemm bzonn li jsiru peress li dan mhuwiex progett tal-Kunsill.

39.3.9 Il-Kunsill ircieva ittra minghand Yoanne Muscat mill-Awtorita` tal-Ippjanar dwar *information meeting* fuq l-applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp bin-numru PA 0937/17 ser tinzamm nhar il-Hamis 6 ta' Settembru 2018 kif ukoll *public hearing* il-Hamis 27 ta' Settembru 2018. Gew mibghuta zewg ittri mill-Kunsill lill-Yoanne Muscat bhala risposti ghall-ittra taghha. Kif ukoll giet mibghuta ittra lill-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma fejn il-Kunsill semma li mhux ser jibqa *registered objector* kif ukoll gie mitlub *planning gain* ta' 100,000 ghal progetti li jistghu jkunu ta' fejda ghal poplu tal-Qala. Gie msemmi wkoll li l-*management board* tal-progett propost li ser jinhatar ghandu ikun fih zewg membri mill-Kunsill li huma s-Sindku Paul Buttigieg u l-Kunsillier Paul Buttigieg. Il-Kunsill iddecida li ghandha tintbghat ittra lill-Korporazzjoni fejn jigi mitlub kopja tal-permessi kif ukoll li l-membri fil-bord ghandhom ikunu s-Sindku Paul Buttigieg u l-Kunsillier Paul Buttigieg.

39.3.10 Is-Sindku semma li nxtraw sitt *doggy litter bins* minghand 360 retail supplies kif ukoll 10 bankijiet bhal dawk li hemm diga` f'Pjazza San Guzepp minghand Anton Zarb.

39.3.11 Is-Sindku semma li ser jigu *replaced* zewg bozoz li huma fi Triq il-Barbagann u Triq Federico Barocci. Huwa semma wkoll li ser isir applikazzjoni ghal bozza gdida fi Triq Wied Simar.

39.3.12 Giet trattata Cirkulari AKL 2018/138 dwar Ftehim Haddiema fuq Skemi (RSSL u CWSEF). Il-Kunsill iddiskuta dan il-ftehim. Il-Kunsill ma qabilx mal-kundizzjonijiet 4.3, 4.4, 6.3, 11 u 14.3. Il-Kunsill ghalhekk iddecida li ma jiffirmax dan il-ftehim.

39.3.13 Gie trattat ir-*risk assessment* tal-ufficini tal-Kunsill Lokali li gie ppreparat mill-Inginier Mario Galea ta' Galea Curmi Engineering Consultants Ltd. Fost l-affarijiet imsemmija kien hemm li jridu jigu nstallati CCTV's fil-bini tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma dan ir-rapport kif ukoll li ghandhom jigu nstallati c-CCTV's.

39.3.14 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lis-Supretendent tal-Pulizija fejn il-Kunsill informah li ma jsibx oggezzjoni sabiex isir marc u li l-banda Ghaqda Muzikali 'Ite ad Joseph' u Ta' Virtu Fireworks jaghtu s-servizzi taghhom u li jsir *carcade* fil-festa tal-Immakulata Kuncizzjoni 2018.

39.3.15 Gew trattati l-*Quarterly Financial Reports* mill-1 ta' Jannar sa 31 ta' Marzu 2018 u mill-1 t'April sal-31 ta' Gunju 2018. Il-Kunsill unanimament approva dawn ir-rapporti.

39.3.16 Gew trattati xi kontijiet ta' Dr Claire Bonello dwar servizzi professonali fuq diversi applikazzjonijiet ghal permess ta' zvilupp fil-lokalita`. Il-Kunsill qabel li ghandhom jithallsu dawn il-kontijiet.

39.3.17 Gew trattati l-kontijiet li l-Kunsill ghandu dwar xoghol li sar fil-gnien ta' rikreazzjoni fi Triq l-Imgarr, Qala fejn kien tnehha xi hamrija. Dan ix-xoghol kien sar minn Gatt Group of Companies. Wara diskussjoni l-Kunsill iddecida li ghandhom jithallsu dawn il-kontijiet.

39.3.18 Planning Controll application form PC00060/16 mill-Awtorita` tal-Ippjanar. Il-Kunsill ma sab ebda oggezzjoni.

39.3.19 Gie trattat kont ta' Gatt Tarmac Ltd dwar *extra works* f'xoghol ta' *major patching* li kien sar f'parti minn Pjazza San Guzepp. Il-Kunsill iddecida li dan il-kont ghandu jigi diskuss fl-laqgha tal-Kunsill li jmiss.

39.3.20 Ittra mibghuta minn Anthony Aquilina *Unit Manager* fl-*Environment & Resources Authority* dwar applikazzjoni tal-Kunsill bin-numru NP 0324/18 *pruning of* a *carob specimen* fi Triq ta' Kassja, fejn nghata l-permess sabiex isir dan.

39.3.21 Ftehim li sar bejn il-Kunsill Lokali u l-Ministeru ghal Ghawdex sabiex il-Ministeru jaghti lill-Kunsill €2,500 ghall-*Qala International Folk Festival* 2018.

39.3.22 Zewg ittri mibghuta minn Ruben Said Head tat-Transport Malta Ghawdex fejn ma sabux oggezzjoni ghal zewg talbiet ta' *double yellow lines* faccata tal-garage 'Dejavu House', Triq il-Mithna u fi Triq is-Salib.

39.3.23 Ittra unanima dwar xi haga illegali li qed isir f'Hondoq ir-Rummien dwar permess PA/08997/17.

39.3.24 Ittra mibghuta minn Dr Louise Spiteri *CEO Environment and Resource Authority* dwar Gbir ta' skart tal-Borza l-Griza u gbir mill-*Bring-in-Sites*.

39.3.25 Ittra mibghuta mis-Segretarju Ezekuttiv George Refalo tar-Regjun t'Ghawdex dwar Gbir tal-Hgieg fl-ewwel Tlieta tax-xahar.

39.3.26Ittra mibghuta minn Anthony Agius Decelis Segretarju Parlamentari ghal Persuni b'Dizabilita' u Anzjanita` Attiva dwar *Disability Week* u dwar Premju Socjeta` Gusta 2018.

39.3.27 Ittra mibghtua minn Bernice Micallef President Moviment Kerygma dwar Premju Zaghzugh tas-Sena 2018.

39.3.28 Korrispondenza li ghaddiet bejn il-Kunsill u Luke Genius tat-Transport Malta dwar *GOTO site* fil-Qala. Il-Kunsill iddecida li l-post ghandu jkun fil-bicca *parking space* fi Pjazza Isqof Mikiel Buttigieg fejn kien hemm l-arlogg.

39.3.29 Notifiki t'avviz mibghuta minn Louise Cremona ghac-*Chairperson* Ezekuttiv tal-Awtorita` tal-Ippjanar b'referenzi EC/00169/18 u EC/00170/18, fejn b'dawn l-istess notifiki nformat lill-Kunsill li l-Awtorita` harget Avvizi ta' Infurzar u kopji ta' dawn qed jigu annessi ghall-attenzjoni tal-Kunsill.

39.3.30 Gew trattati l-ilmenti li dahlu fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill mill-5 ta' Settembru 2018 sas-16 ta' Novembru 2018 minn referenza numru 163/18 sa referenza numru 201/18 (registru tal-ilmenti ohra) u minn referenza numru 73/18 sa referenza numru 90/18 (registru tal-ilmenti xogholijiet).

## 39.4 Twegibijiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

39.4.1 Il-Kunsillier Paul Buttigieg reggha talab sabiex isiru l-manutenzjonijiet mehtiega fi 'Gnien il-Familja'. Huwa semma li kull ma hemm huma affarijiet zghar bhal per ezempju r-*railing* fih iz-zkuk nieqsin, l-isem tal-gnien mghawweg. Huwa semma li qeghdin igibuna u jikkritikawna fuq *facebook* u li l-ahjar haga hi li nirrangaw il-gnien u mhux noqghodu mwahhlu f'xulxin. Il-Kunsillier Buttigieg semma li huwa ilu jitlob sabiex isir il-manutenzjonijiet mehtiega anke fil-legislatura precedenti. Huwa semma li meta huwa kien Sindku huwa kien jaghmel xoghol bi ftit haddiema li kellu l-Kunsill, mhux bhall-lum fejn il-Kunsill ghandu izjed haddiema. Is-Sindku semma li bhalissa l-haddiema qed jaghmlu l-hitan tas-sajjieh f'post iehor. Il-Kunsillier Buttigieg qal mhux ahjar jittranga il-gnien l-ewwel. Is-Sindku semma li nqata l-haxix hazin kif

ukoll dwar il-*gazebo's* huwa qed jistenna risposta minghand l-*Construction and Maintenance Unit* peress li ghandhom xi kuntratt ghal provvista tal-*Iroko*. Huwa qal li jekk ma jaghtuhx risposta sa nhar it-Tnejn jara kemm jigi jiswa u jinxtara mill-Kunsill.

**39.5 Hrug ta' offerta ghal xogholijiet, pavimentar u *playing field equipment* ghall-*playing field* 'Magistrat Salvu Attard'.**

39.5.1 Is-Sindku semma li nharget sejha ghall-offerti ghal xogholijiet, pavimentar u *playing field equipment* ghall-*playing field* 'Magistrat Salvu Attard'. Huwa semma li d-data tal-eghluq taghha hija nhar it-Tlieta 20 ta' Novembru 2018. Il-Kunsillier Paul Buttigieg staqsa jekk il-provvista tas-*safety mats* humiex inkluzi fl-offerta. Is-Sindku semma li ser jiccekkja sabiex jara humiex inkluzi.

**39.6 Applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp bin-numru PA/02680/08.**

39.6.1 Il-Kunsill ircieva zewg ittri minghand l-Awtorita tal-Ippjanar datata 11, 18 u 26 ta' Ottubru 2018 fejn gie informat li gew sottomessi pjanti godda ghall-applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp bin-numru PA/02680/08 f'barriera tal-blat tal-qawwi numru 10 f'Ghar id-Dar limiti l-Qala. Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lic-*Chairman* tal-Awtorita` fejn gie informat li l-Kunsill qed joggezzjona bil-qawwa kollha ghal din l-applikazzjoni kemm kif kienu l-pjanti qabel kif ukoll ghal dawk godda. Il-Kunsill qed joggezzjona bil-qawwa kollha ghal kull zvilupp li jersaq lejn il-Fortizza ta' Sant Antnin. Filfatt il-Kunsill huwa diga` *registered objector* ghal din l-applikazzjoni. Il-Kunsill ircieva *acknowledgement* minghand l-Awtorita`. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li sid il-barriera qed jersaq lejn il-Fortizza u ahna bhala Kunsill irridu naraw ghal dan. Meta s-sid tal-barriera l-ohra ressaq 'l hemm ghamilna storbju shih sa anke gew tal-*camera's* u issa ghal dan is-sid tal-applikazzjoni PA/02680/08 isu xejn mhu xejn. Huwa ppropona li tinhareg *press release* f'isem il-Kunsill. Il-Kunsill iddecida li ghandha jsir laqgha urgenti mal-Awtorita` dwar din l-applikazzjoni.

**39.7 Applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp bin-numru PA/08647/18**

39.7.1 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lill-Awtorita` tal-Ippjanar sabiex jinghata iktar dettalji u pjanti dwar l-applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp bin-numru PA/08647/18 ghal 31 *garages*, a Class 4A *office*, 53 *residential units and a terraced house with pool*. Is-Sindku ppropona li r-residenti ta' dawn il-*units* ghandhom ikollhom *garage* ghall-iskart *bins*. Il-Kunsill iddiskuta li peress li hemm il-*playing field* Magistrat Salvu Attard fil-vicinanzi ghandu jkun hemm *traffic management* sabiex jigu evitati perikli li jista` jkun hemm ghat-tfal li jkun jilghabu f'din il-*playing field.* Gie diskuss wkoll li *garages* m'hemmx bizzejjed. Il-Kunsill iddiskuta li ghandha tintalab laqgha mal-Periti tal-applikant sabiex jigu diskussi dawn l-*issues.*

**39.8 Xoghol ta' *surfacing* f'parti minn Triq ta' Kassja.**

39.8.1 Is-Sindku semma li x-xoghol ta' *surfacing* f'parti minn Triq ta' Kassja miexi. Huwa semma li s-servizz tad-drenagg kien ser isir, mit-8 t'April huwa kien ilu jitlobhom izda l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma ma ridux jghadduh. Nghata bidu ghax-xoghol ta' *surfacing* u sadanitant il-Kunsill ircieva ittra minghand l-Avukat Marsette Portelli Xerri u kopja taghha nbghatet lill-Korporazzjoni fejn kitbet f'isem John u Josette Cardona dwar in-nuqqas tas-servizz tad-drenagg f'din it-triq. Wara dan il-Korporazzjoni ddecida li jghaddi s-servizz tad-drenagg. Is-

Sindku semma li s-servizzi tal-Ilma wkoll gew mghoddija. Huwa semma li nbghatet ittra lir-residenti ta' parti minn Triq ta' Kassja u Triq gdida fi Triq il-Mithna dwar ix-xogholijiet ta' *surfacing* fit-toroq fejn joqghodu huma.

## 39.9 Premju Unur Gieh il-Qala 2018.

39.9.1 Is-Sindku semma li huwa qed jipproponi li Premju Unur Gieh il-Qala 2018 ghandu jinghata lil Corey u Frankie Said, zewg persuni li jaghtu servizz volontarjat fil-Knisja Parrokkjali. Il-Kunsill unanimament qabel ma dan. Huwa semma li ser jigi ppreparat *feature* min John Paul Cefai sabiex jintwera waqt din is-serata. Il-kant ghandu ser isir minn Patricia Buttigieg kif ukoll isir diskors fuq dawn iz-zewg persuni mill-Kunsillier Paul Buttigieg. Huwa ppropona li s-serata ghandha jsir fl-1 ta' Dicembru 2018. Il-Kunsill qabel ma din d-data.

## 39.10 Attivitajiet ghal zmien il-Milied.

39.10.1 Is-Sindku semma li ghal din is-sena l-*entertainment* ghal *party* ghat-tfal ser isir minn il-*Buzzy Kids*. Huwa semma li ser isir il-Gimgha 21 ta' Dicembru 2018 dritt wara n-novena tal-Knisja fil-Juventus Club. L-attivitajiet l-ohra li ser jigu organizzati ghal zmien il-Milied ser ikunu jikkonsistu f'Premju Unur Gieh il-Qala, harga ghall-anzjani/nisa f'Malta fit-12 ta' Dicembru 2018 u harga/tombla fl-20 ta' Dicembru 2018 fil-Lantern Restaurant.

39.10.2 Gie deciz li l-ikla tal-Kunsill ghandha jsir nhar il-Gimgha 28 ta' Dicembru 2018, fis-7:30 ta' filghaxija. Gie diskuss li l-post ghandu jkun il-*Brookies Restaurant*.

39.10.3 Il-Kunsill ircieva tlett stima ghat-tizjin ta' Triq it-28 t'April 1688 bid-dwal tal-Milied. Il-Kunsill ghazel l-istima tal-Ghaqda Muzikali 'Ite ad Josef', Qala. Gie deciz li ghandu jsir *audio entertainment* f'din l-istess triq kif ukoll fi Pjazza San Guzepp minn Radju Lehen il-Qala fejn jindaqqu l-*Christmas Carols*.

## 39.11 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti

39.11.1 Is-Segretarja Ezekuttiva qrat l-iskeda tal-pagamenti bir-referenzi SP 4/2018, SP 5/2018 u SP 6/2018. Il-Kunsill ma sab ebda oggezzjoni sabiex jithallsu l-pagamenti mnizzlin f'dawn l-iskedi. Ghalhekk dawn l-iskedi gew approvati unanimament.

## 39.12 Mozzjonijiet.

39.12.1 Ma tressqu ebda mozzjonijiet.

## 39.13 Tmiem il-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

39.13.1 Il-laqgha ntemmet fit-8:30 ta' filghaxija u giet aggornata ghal nhar il-Gimgha 21 ta' Dicembru 2018 fis-6:00 ta' filghaxija.

Konfermati, illum il-Gimgha 15 ta' Marzu 2019.

Paul Buttigieg
Sindku

Marcia Borg
Segretarju Ezekuttiv